# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-Hamis 19 t'Ottubru, 2017**

**Rikors Numru : 857/2017JPG**
**Kawza Numru : 16**

**Bathroom Design Limited (C6232)**

**VS**

**Steel Structures Company Limited (C4192)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors mahluf fl-20 ta' Settembru 2017, ta' Bathroom Design Limited kif ikkonfermat bil-gurament ta' Mark Camilleri, detentur ta' karta ta' identita' 290288M, debitament awtorizzat sabiex jidher in rapprezentana tas-socjeta' rikorrenti u li jikkonferma s-segwenti fatti kif mgharrfa lilu personalment, li jaqra hekk:

*1. Illi, is-soċjeta' rikorrenti, Bathroom Design Limited, kienet ingaġġata mis-soċjeta intimata, Steel Structures Company Limited, permezz ta' kuntratt ta' sub-appalt datat 8 ta' Jannar 2016 sabiex taħdem xi xogħolijiet fil-kumpless*

*magħruf bħala Bay Street Hotel Complex (anness u mmarkat bħala '***Dokument BDL1***');*

*2. Illi dawn ix-xogħolijiet tlestew mis-soċjeta' rikorrenti għas-sodisfazzjon tas-soċjeta' intimata;*

*3. Illi, is-soċjeta' intimata, kif debitament rappreżentata minn Kurt Cini, ikkostitwixxiet ruħha bħala debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' mija u tmenin elf u sitt mija u tlieta u sittin Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu tal-Euro (€180,663.46) permezz ta' skrittura privata datata 11 ta' Novembru 2016 (anness u mmarkat bħala '***Dokument BDL2***');*

*4. Illi, soċjeta' terza għamlet 3 pagamenti ta' sebgħa u għoxrin elf Euro (€27,000) li jammontaw għal wieħed u tmenin elf Euro (€81,000) għan-nom tas-soċjeta' intimata u nfatti skont l-aħħar statement of account maħruġ mis-soċjeta' rikorrenti l-bilanċ dovut huwa ta' disgħa u disgħin elf u sitt mija u tlieta u sittin Euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu tal-Euro (€99,663.45) (eskluż l-ammont ta' sitt elef u tlieta u għoxrin Euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu tal-Euro (€6,023.23) rappreżentanti xogħol żejjed u imgħaxijiet skont l-istess skrittura privata surreferita) (anness u mmarkat bħala '***Dokument BDL3***');*

*5. Illi, dan l-ammont ta' disgħa u disgħin elf u sitt mija u tlieta u sittin Euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu tal-Euro (€99,663.45) huwa ċert, likwidu u dovut, pero, is-soċjeta' intimata Steel Structures Company Limited baqgħet inadempjenti;*

*6. Illi, s-soċjeta' rikorrenti diġa intimat lis-soċjeta' intimata sabiex tħallas l-bilanċ rimanenti permezz ta' ittra*

> *uffiċjali numru 3267/2017 quddiem din l-Onorabbli Qorti (anness u mmarkat bħala '***Dokument BDL4****');*
>
> *7. Illi, sa fejn taf is-soċjeta' rikorrenti, is-soċjeta' intimata m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti kontra t-talbiet tal-istess soċjeta rikorrenti u għalhekk jeżistu r-raġunijiet kollha skont il-liġi biex din l-Onorabbli Qorti tkun tista' tipproċedi għad-deċiżjoni bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant, tgħid għalhekk is-soċjeta' intimata għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet hawn fuq premessi:*

> *1. Tipproċedi għad-deċiżjoni tagħha bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *2. Tikkundanna s-soċjeta' intimata tħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' disgħa u disgħin elf u sitt mija u tlieta u sittin Euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu tal-Euro (€99,663.45) bl-imgħax kummerċjali sal-pagament effettiv.*
>
> *Bl-ispejjeż.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' fir-rikors mahluf;

Rat li l-atti tar-rikors guramentat u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta intimata skond il-ligi;

Rat illi fl-udjenza tad-9 t'Ottubru 2017, is-socjeta' intimata pprezentat **nota ta' ammissjoni** ghat-talbiet kif dedotti;

Rat illi l-avukati difensuri qablu li l-kawza tista' tithalla ghas-sentenza minghajr htiega ta' trattazjoni.

**Ikkunsidrat:**

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors guramentat tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et. seq.* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

**Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors Guramentat jirrizultaw ippruvati, taqta' u tiddeciedi:**

1. **Tipproċedi għad-deċiżjoni tagħha bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

2. **Tikkundanna s-soċjeta' intimata tħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' disgħa u disgħin elf u sitt mija u tlieta u sittin Euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu tal-Euro (€99,663.45) bl-imgħax kummerċjali sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez jithallsu mis-socjeta ntimata.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**